

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1002**tad-9 ta' Lulju 2020****li jistabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' injam tal-fraxxnu li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1203⁽²⁾ tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE⁽³⁾ fir-rigward ta' rekwiżiti speċjali li jikkonċernaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' injam tal-fraxxnu (*Fraxinus L.*) li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti.
- (2) Id-Direttiva 2000/29/KE tħassret u ġiet sostitwita bir-Regolament (UE) 2016/2031. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072⁽⁴⁾ li jistabbilixxi r-regoli u r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra ssostitwixxa l-Annessi I sa V ta' dik id-Direttiva.
- (3) Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/2072 flimkien mal-punt 87 tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' injam tal-fraxxnu li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti ("l-injam speċifikat") huwa soġġett għal ċerti rekwiżiti speċjali biex jiġi evitat ir-riskju ta' infestazzjoni fl-Unjoni mill-pesti *Agrilus planipennis* Fairmaire. Dawk ir-rekwiżiti huma sa ċertu punt differenti mir-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1203, fir-rigward tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-injam speċifikat, kif ukoll l-ispezzjoni u s-supervizzjoni tiegħu.
- (4) Abbażi tal-awditi reċenti tal-Kummissjoni li twettqu fl-2018 u fl-2019, kien ġie konkluż li bl-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1203 taħt il-kontroll tal-Kummissjoni, l-Istati Uniti jżguraw livell ta' protezzjoni fitosanitarja li huwa ekwivalenti għal dak ipprovdut bir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 87 (a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2019/2072.
- (5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1203 tapplika sat-30 ta' Ġunju 2020. Fis-16 ta' Jannar 2020, l-Istati Uniti talbu estensjoni ta' dik id-deroga wara t-30 ta' Ġunju 2020.
- (6) Sabiex tiġi ggarantita l-kontinwazzjoni tal-importazzjonijiet tal-injam tal-fraxxnu li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti, jixraq li tiġi prevista deroga mill-Artikolu 8(1) u mill-punti 87(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 sabiex tippermetti l-introduzzjoni tal-injam speċifikat fl-Unjoni soġġett għall-konformità ma' rekwiżiti speċjali li jirriflettu, bi ftit adattamenti, dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1203.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1203 tal-21 ta' Awwissu 2018 li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward tal-injam tal-fraxxnu li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti tal-Amerka, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/204 (ĠU L 217, 27.8.2018, p. 7).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

- (7) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Lulju 2020, sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-importazzjonijiet tal-injam speċifikat.
- (8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika sat-30 ta' Ġunju 2023, sabiex jippermetti li jsir ir-rieżami tal-applikazzjoni tiegħu sa dik id-data.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Rekwiżiti speċjali għal deroga temporanja

B'deroga mill-Artikolu 8(1) u mill-punti 87(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-injam tal-fraxxnu (*Fraxinus L.*) li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti ("l-injam speċifikat") għandha tkun soġġetta għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 u fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ċertifikat fitosanitarju

1. L-injam speċifikat għandu jkollu miegħu ċertifikat fitosanitarju maħruġ fl-Istati Uniti, li jiċċertifika li huwa ħieles mill-pesti tal-kwarantina fl-Unjoni u mill-pesti mhux elenkati bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni, soġġett għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 wara l-ispezzjoni.
2. Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali", iċ-ċertifikat fitosanitarju għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) id-dikjarazzjoni "F'konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1002 (*);
 - (*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1002 tad-9 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' injam tal-fraxxnu li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti (ĠU L 221, 10.7.2020, p. 122).";
 - (b) in-numru/i tal-lott(ijiet) li jikkorrispondu/u għal kull lott speċifiku li jiġi esportat;
 - (c) l-isem tal-faċilità/ajiet approvata/i fl-Istati Uniti.

Artikolu 3

Data tal-iskadenza

Dan ir-Regolament għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2023.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Parti A**1. Rekwiżiti tal-ipproċessar**

L-ipproċessar tal-injam speċifikat, kif imsemmi fl-Artikolu 1, irid jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) Tqaxxir

L-injam speċifikat jitqaxxar, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe numru ta' biċċiet tal-qoxra żgħar, li jidhru b'mod separat u li huma distinti b'mod ċar, li jikkonformaw ma' wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(1) ikollhom wisa' ta' inqas minn 3 cm (irrispettivament mit-tul) jew

(2) jekk ikunu wesgħin iktar minn 3 cm, l-erja totali tas-superfiċe ta' kull biċċa tal-qoxra individwali tkun inqas minn 50 cm².

(b) Isserrar

L-injam isserrat speċifikat ikun prodott minn injam tond imqaxxar.

(c) Trattament bis-sħana

L-injam speċifikat jissaħħan fuq il-profil tiegħu f'temperatura ta' minn tal-inqas 71 °C għal 1 200 minuta f'kompartiment tat-tisħin approvat mis-Servizz ta' Spezzjoni tas-Saħħa tal-Animali u tal-Pjanti (APHIS), jew minn aġenzija approvata mill-APHIS.

(d) Tnixxif

L-injam speċifikat jitnixxef skont skedi ta' tnixxif industrijali li jdumu minn tal-inqas ġimagħtejn u li jkunu rikonoxxuti mill-APHIS.

Il-kontenut ta' ndewwa finali tal-injam ma għandux jaqbeż l-10 %, espress bħala persentaġġ ta' materja niexfa.

2. Rekwiżiti għall-faċilitajiet

L-injam speċifikat irid jiġi prodott, jitqandel jew jinħażen f'faċilità li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) tkun approvata uffiċjalment mill-APHIS, jew minn aġenzija approvata mill-APHIS, skont il-programm ta' ċertifikazzjoni tagħha fir-rigward tal-pesti *Agrilus planipennis* Fairmaire;

(b) tkun irreġistrata f'bażi tad-*data* li tkun ippubblikata fuq is-sit web tal-APHIS;

(c) tkun awditjata mill-APHIS, jew minn aġenzija approvata mill-APHIS, minn tal-inqas darba fix-xahar u jkun ġie konkluż li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness. Fil-każ li dawn l-awditi jitwettqu minn aġenzija approvata mill-APHIS, l-APHIS irid iwettaq awditi ta' dan ix-xogħol kull sitt xhur. L-awditi kull sitt xhur għandhom jinkludu l-verifika tal-proċeduri u tad-dokumentazzjoni tal-aġenzija u l-awditi f'faċilitajiet approvati;

(d) tkun tuża tagħmir għat-trattament tal-injam speċifikat li jkun ġie kkalibrat b'mod konsistenti mal-manwal tat-tħaddim tat-tagħmir;

(e) tkun iżżomm rekords tal-proċeduri tagħha għall-verifika mill-APHIS jew minn aġenzija approvata mill-APHIS, inkluż it-tul ta' żmien tat-trattament, it-temperaturi waqt it-trattament u, għal kull lott speċifiku li jrid jiġi esportat, il-kontroll tal-konformità u l-kontenut ta' ndewwa finali.

3. Tikkettar

Fuq kull lott tal-injam speċifikat iridu jidhru b'mod ċar kemm in-numru uniku tal-lott kif ukoll tikketta bl-ittri "HT-KD" jew bil-kliem "Ittrattat bis-Shana – Imnixxef fil-Kalkara". Dik it-tikketta trid tinħareġ minn uffiċjal maħtur mill-faċilità approvata jew taħt is-superviżjoni tiegħu, wara li jiġi vverifikat li r-rekwiżiti tal-ipproċessar stabbiliti fil-punt 1 u r-rekwiżiti għall-faċilitajiet stabbiliti fil-punt 2 ikunu ġew issodisfati.

4. Spezzjonijiet ta' qabel l-esportazzjoni

L-injam speċifikat destinat li jasal fl-Unjoni jrid jiġi spezzjonat mill-APHIS qabel l-esportazzjoni, jew minn aġenzija approvata mill-APHIS, sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 1 u 3 ikunu ġew issodisfati.

Parti B

Injam speċifikat bil-kodiċijiet NM rispettivi

1.	<p>Injam tal-<i>Fraxinus L.</i>, għajr fil-forma ta'</p> <ul style="list-style-type: none"> — laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal tal-injam u skrapp, miksub kollu jew parzjalment minn dawn is-siġar, — materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kontenituri tal-imballaġġ, kaxxi, ċestuni, tankijiet u ppakkjar simili, palits, kaxxi tal-palits u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk fil-fatt jintużawx jew le fit-trasport ta' oġġetti ta' kwalunkwe tip, minbarra dunnage li jsostni konsenji tal-injam, li jkun magħmul minn injam tal-istess tip u kwalità bħall-injam fil-konsenja u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-konsenja, <p>iżda li jinkludi l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, u għamara u oġġetti oħra magħmula minn injam mhux ittrattat</p>	<p>ex 4401 12 00</p> <p>ex 4403 12 00</p> <p>ex 4403 99 00</p> <p>ex 4404 20 00</p> <p>ex 4406 12 00</p> <p>ex 4406 92 00</p> <p>4407 95 10</p> <p>4407 95 91</p> <p>4407 95 99</p> <p>ex 4407 99 27</p> <p>ex 4407 99 40</p> <p>ex 4407 99 90</p> <p>ex 4416 00 00</p> <p>ex 9406 10 00</p>
----	------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------